Is-Sliem

Frar 2011 Nru. 257

Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307

Messaġġ tal-Arċipriet:

FL-ASSEMBLEA PARROKKJALI 2010

L-Assemblea Parrokkjali 2010, li saret fi tmiem Novembru li għadda, kienet ftit differenti minn tas-soltu, minħabba l-fatt li t-tieni jum tagħha ddedikajnieh liż-żgħażagħ, b'serata ta' talent li tellgħu huma, kif ukoll bl-għoti ta' numru ta' *awards* u ċertifikati liż-żgħażagħ li spikkaw f'ċerti valuri. Filwaqt li nifirħilhom tas-serata li tellgħu, nawguraw lil dawk kollha li rċevew xi *award* jew ċertifikat biex ikomplu jħaddnu dawn il-valuri .

Ritratt: Tonio Galea

Fl-ewwel ġurnata tal-Assemblea rajna, fuq fuq, il-ħidma li qiegħda ssir u xi proġetti jistgħu jsiru matul is-sena li ġejja. Mill-kontribut (rapporti, kummenti, suġġerimenti, eċċ...) ta' dawk li kienu preżenti, jidher li l-parroċċa miexja f'direzzjoni tajba. Dan jirriżulta mill-fatt li ma kien hemm l-ebda kritika negattiva għall-ħidma tal-parroċċa. Filwaqt li dan huwa inkuraġġanti, infakkar li, kemm il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, kif ukoll jiena, dejjem lesti li nibqgħu nisimgħu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħkom.

Il-Mulej iberikkom.

Fr. Daniel Cardona,
Arċipriet

Realtajiet ġodda.... Sfidi ġodda...

- kitba ta' TONY CARUANA, *Chairperson* tal-Kumm. Parr. "Implementazzjoni tas-Sinodu"

Fil-ktieb tiegħu, *Secularity and the Gospel (Crossroad, 2006)*, l-awtur Ronald Rolheiser itenni li l-Knisja għandha storja kbira u sabiħa ta' missjonijiet f'artijiet imbiegħda u li l-insara kollha għandhom għalxiex ikunu kburin b'dan kollu. Madanakollu, jgħid l-awtur, illum donnu li l-insara li jgħixu fl-Ewropa (u l-Amerika) – minn fejn, tul is-sekli li għaddew, oriġinaw bosta missjonijiet lejn artijiet imbiegħda – qegħdin isibuha diffiċli biex iwasslu l-messaġġ nisrani lin-nies ta' pajjiżhom u saħansitra qegħdin isibuha diffiċli wkoll sabiex jgħaddu l-fidi lill-istess uliedhom. L-awtur jagħmel sejħa lill-insara, għax hemm bżonn li llum l-insara jkunu missjunarji f'pajjiżhom stess!

Din it-tema taqbel ħafna mal-messaġġ tal-Arċisqof Pawlu Cremona, ***ikompli f'paġna 2***

AKTAR ŻJAJJAR LILL-FAMILJI

(Ara PAĠNA 3)

ALLA fil-Qawl Malti

IL-QAWL: **Alla 'l-bniedem iħallsu skont qalbu.**

IT-TIFSIRA: Alla jippremja lil dak li jkun skont għemilu.

ikompli minn paġna 1 li twassal fl-Assemblea Parrokkjali li l-Parroċċa organizzat fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2010*. Il-Maltin huma kburin mill-fatt li l-Fidi Nisranija f'din il-gżira taf il-bidu tagħha liż-żjara ta' San Pawl f'Malta, fis-sena 60 W.K. Malta wkoll tat (u għadha qiegħda tagħti) kontribut kbir fil-missjonijiet barra minn xtutna. Il-Maltin dejjem jattendu bi ħġarhom kull meta jkunu msejħin biex jagħmlu manifestazzjoni pubblika tal-Fidi Nisranija. Hekk, bħala eżempju, il-Maltin urew entużjażmu qawwi waqt iż-żjara tal-Q.T. il-Papa Benedettu XVI fostna. Imma, sabiex il-Matin ikunu tassew "ulied denji ta' San Pawl," – kif ħeġġiġna nkunu l-Papa – ma rridux nistrieħu biss fuq it-tradizzjonijet li tawna ta' qabilna, iżda rridu nagħtu sehem fl-evanġelizzazzjoni ġdida, billi lkoll nagħtu xhieda ta' Kristu u tar-reliġjon tagħna, kemm bi kliemna kif ukoll b'għemilna.

Din kienet it-tema prinċipali tal-Assemblea; u stedinna lil kull min attenda sabiex jaħseb u jirrifletti fuq kif, kull Żebbuġi nisrani, jista' jikkontribwixxi għal dan il-għan. Illum l-istrutturi fil-parroċċa tagħna huma stabbiliti, bil-Kunsill Pastorali Parrokkjali, bil-Kummissjonijiet u bl-Għaqdiet, ilkoll għaddejjin bil-ħidma tagħhom. … Imma, il-kwalità tal-fidi tagħna, kif inhi?... Hi fidi tas-*supermarket*, fejn wieħed jagħżel biss dak li jaqbillu mill-fidi, u jħalli fuq l-ixkaffa dak li ma jogħġbux?... Hi fidi tat-tradizzjoni, fejn wieħed jattendi l-quddiesa tal-Ħdud u l-Festi sabiex ikun ħeles mill-obbligu, u daqshekk biss?... Jew hi fidi ta' kwalità, fejn in-nisrani qiegħed jgħix "fil-paċi ta' Kristu", billi jagħti xhieda f'kull mument ta' ħajtu?...

U n-nisrani x'jista' jagħmel, biex jagħti xhieda?... Tul id-diskussjoni, fl-Assemblea, kien hemm diversi interventi interessanti. Nistgħu nibdew minn affarijiet żgħar. Sempliċiment tbissima jew kelma ta' kuraġġ, tista' tgħin ħafna, speċjalment meta tieħu post xi tgemgima jew xi wiċċ imqarras. In-nisrani jrid iqawwi ruħu, kemm bit-talb, kif ukoll bil-formazzjoni. Minbarra l-formazzjoni l-aktar importanti li tingħata fil-familja, għall-Grazzja t'Alla fil-parroċċa tagħna qiegħed ikun hawn ħafna opportunitajiet oħrajn ta' formazzjoni għall-insara ta' kull età. In-nisrani jrid ikun lest li jimpenja ruħu fil-ħidma fil-parroċċa – kulħadd skont it-talenti tiegħu, imma kulħadd jista' joffri xi ħaġa. In-nisrani jrid ukoll ikun konxju tar-realtajiet li jkunu qegħdin iseħħu madwaru. Ma jistax ikun nisrani ta' ġol-knisja biss, jew nisrani biss fil-grupp li tiegħu jkun membru. In-nisrani jrid ikun attent għall-bżonnijiet tal-proxxmu – bżonnijiet li ***ikompli f'paġna 3***

JOHN SPITERI
(TAX-XEMA')

SERVIZZ TAL-FUNERALI
(24 SIEGHA KULJUM).
155, TRIQ L-ISQOF CARUANA,
ĦAŻ-ŻEBBUĠ.
BISWIT IL-KUNSILL LOKALI
IL-KANT BLA ĦLAS
TEL: 21464286.
MOB.: 79464286.

Livewell Health Shop

Vjal il-Ħelsien,
Ħaż -Żebbuġ.

Opening hours:

Mon – Thurs: 4.30 pm - 7.30 pm
Fri.: 4.30 pm - 8.00 pm
Sat.: 9.00 am - 2.00 pm

BC ELECTRICS Co. Ltd.

ELECTRICAL &
PLUMBING WORKS,
IT COMPUTER CABLING

Bernard Gatt

Angelo Melilli Street,
Żebbuġ ZBG 06, Malta

Tel/Fax: 2146 2009,
Mob: 7949 0392

email: bcelec@waldonet.net.mt

ikompli minn paġna 2

kultant joffru sfidi ġodda, għax huma frott ta' realtajiet ġodda. Fl-Assemblea tqajmu ċerti eżempji: anzjani li qegħdin ifittxu post fejn iqattgħu l-iljieli, għax qegħdin jibżgħu minn atti kriminali fil-konfront tagħhom; koppji miżżewġin, u tfal ta' dawn il-koppji, li qegħdin jgħixu f'familja li qiegħda titfarrak u li jixtiequ jsibu xi forma ta' sapport; rifuġjati u immigranti, li din il-ġżira (magħrufa għall-ospitalità tagħha) mhux dejjem qiegħda tilqagħhom u taċċettahom; żgħażagħ li ma jsibux (jew li ma jafux) fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom b'mod kostruttiv; persuni li spiċċaw waħedhom, bla qraba jew ħbieb li jiftakru fihom...; insomma... l-lista hi twila **u żgur li l-missjoni f'pajjiżna għad baqgħalha bżonn diversi ħaddiema għall-għalqa tagħha!**

****

****Nota: għalkemm inkiteb biss ftit ġimgħat wara l-Assemblea Parrokkjali, minħabba raġunijiet ta' stampa dan l-artiklu qiegħed jidher f'din il-ħarġa. ...Ħajr lin-Nutar Dr. Philip Ellul (il-P.R.O. tal-Parroċċa) li ħa ħsieb jiġbor u jgħaddili xi punti li tqajmu waqt l-Assemblea, li fuqhom stajt nibni dan l-artiklu.***

AKTAR Żjajjar (u Tberik) lill-Familji

It-Tnejn, 7 ta' Frar: Triq l-Iskalora; Triq l-Insiġ; u Triq il-Kosbor.

It-Tlieta, 8 ta' Frar: Triq San Martin.

L-Erbgħa, 9 ta' Frar: Triq Adeodato Gatt.

It-Tnejn, 14 ta' Frar: Triq l-Għasir u Triq l-Għeneb.

It-Tlieta, 15 ta' Frar: Triq Ludovik Mifsud Tommasi u Triq Dun Salv Trevisan.

L-Erbgħa, 16 ta' Frar: Triq Luret Cutajar; id-djar ta' ħdejn is-*Sapphire Suite*; u d-djar ta' quddiem is-*Sapphire Suite*.

It-Tnejn, 21 ta' Frar: Il-*Blocks* (tal-*flats*): C5; u C6; Triq il-Fraxxnu; Triq in-Newl; u Triq Abram Gatt.

It-Tlieta, 22 ta' Frar: Parti minn Triq Dun Luret Callus (i.e. minn Triq il-Maħluġ sa ħdejn il-*MARESCO)*; u Triq il-Maħluġ.

L-Erbgħa, 23 ta' Frar: Triq l-Imgħażel; u nkomplu Triq Dun Luret Callus (minn Triq Lord Gort sa Triq Ġanni Bonnici); Triq Lord Gort; u Triq l-Irvell tal-Qassisin.

It-Tnejn, 28 ta' Frar: Triq Dun Salv Ciappara.

It-Tlieta, 1 ta' Marzu: Il-*Flats* il-Ġodda kollha fi Triq Ġanni Bonnici; u Binja D, Ent. A u B; *Block* D, Ent. B; u Binja D, Ent. C (fi Triq Gugliermu Lorenzi).

L-Erbgħa, 2 ta' Marzu: Triq Is-Sindku P. Vella.

MALITA TRAVEL

21466018/27466018

ST. PHILIP BUILDING,
Triq Sciortino (FIL-PJAZZA),
Ħaż-Żebbuġ.

electronic solutions
Computer Systems and Notebooks
Starting From €265

St.Rocco Str. Zebbug
Tel: 21/27 462836
Fax: 21 462837
@: sales@esmalta.com
W: www.esmalta.com

TWANNY SPITERI
FUNERALI
4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.

Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS
24 hours services
DAY & NIGHT
Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168

FIL-PARROĊĊA TAGĦNA...

- minn LULJU sa DIĊEMBRU 2010

Irċevew is-SAGRAMENT TAL-MAGĦMUDIJA:

Hailey Fenech; Isaac Cassar; Aiden Agius; Nicole Cacciattolo; Zdenek Philip Caruana; Chablis Psaila; Kyle Agius; Neil Magro; Alex Camilleri; Lionie Abdilla; Marc Agius; Miguel Camilleri; Mitiana Collins; Fiachelle Grima; Emily Attard; Kaya Farrugia; Chanaya Grace Mangion Muller; Xaritha Arrie Grima; Nicole Marie Mallia; Martina D'Anastasi; Daniel Gatt; Ana Darmanin; Kay Aquilina Clews; David Farrugia Frantz; Kelvin Muscat; Isaac Hili; Nikki Taylor Camilleri; Chayelle Farrugia; Luca Curmi; Francesca Curmi; Hailey Zerafa; Kevin Attard; Edward Thomas Gatt; Matthias Dalli; Josa Ciantar; Liona Zamnmit; Ronan Spiteri; Nina Gatt; Elisa Galea; Shanaia Farrugia; Yan Farrugia; Ivana Borg; Shazy Pullicino; Clielle Cauchi; Sarah Angre Agius; Isaac Bugeja; Martina Mifsud; Ryan Mifsud; Lioney Portelli; Alicia Attard; Emma Mifsud; Owen Borg; Luca Formosa; Matthew Ellul; Gianluca Giorgione; Arriona Bugeja; u Kohen Bugeja.

Nilqgħuhom fil-Komunità Tagħna!



Ingħaqdu fis-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ:

Renart John Jos. Andrenes u Mary Rose Fenech; Bernie Scicluna u Claire Sultana; Mario Attard u Marisa Camilleri; Fredrick Attard u Stephanie Marie Boyd; Mark Alan Sciberras u Violet Amanda Sammut; Nicholas Portelli u Alessia Cilia; Mario Bonello u Rosella Spiteri; Carlos Buhagiar u Rachel Vassallo; Glen Pullicino u Maria Dolores Agius; Mark Vella u Nadine Tanti; Mark Curmi u Claudia Inguanez; Jean Pierre Borg u Rachel Mangion; William Said u Charlene Ann Gatt; Omar Mansueto u Donnalise Grech; Charles Camilleri u Christine Brigulio; Joseph Attard u Alison Agius; Alex Abdilla u Ritianne Micallef; Abraham (k/a Brian) Bartolo u Vanessa Borg; Joseph Fenech u Charmaine Hili; David Camilleri u Lorraine Navarro.

Nawgurawlhom!

Għaddew għall-ĦAJJA TA' DEJJEM:

John Zammit; Wistin Bonnici; Filippa Bonello; Carmelo Attard; Giorgia Mifsud; Felix Caruana; Carmela Camilleri; Rita Ferrante; Joseph Mercieca; M'Dolores Caruana; Stephania Bugeja; Anthony Mangion; Josephine Abela; Joseph Saliba; Carmela Scerri; Evangelista Mifsud; Josephine (Ivy) Gatt; Giuseppe Bugeja; Maria Theresa Gatt; Vincenza Said; Anne Casha; Nicola Azzopardi; Carmel Bugeja; Annunziata Cilia; Antonia Cassar; Maria Guiseppa Cauchi; Giovanna Micallef; Aristea Bianco; Eliza Pace; u t-Tabib Dr. Philip Muscat.

Agħtihom, O Mulej, il-Hena ta' Dejjem!

Josef Felice

(Tal-Bonċ)

Servizz tal-Funerali

24 Siegħa Kuljum.

"Casa Felice"
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA BLA ĦLAS

PREZZIJIET MODERATI

Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733

TOYOTA

THE QUALITY EXPERIENCE